# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 570

Il-Ġimgħa, 23 ta' Frar, 2024

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, f'11.45am.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Alvin Grech – Kunsillier

SKUŻATI:
Paul Mizzi- Viċi Sindku
Frankie Attard – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

PREŻENZA TAL-PUBBLIKU:

Daniel Galea – Accountant (kien preżenti online)

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

### 570.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Il-Viċi Sindku Paul Mizzi, il-Kunsillier Frankie Attard u l-Ambaxxatur Lokali għaż-żgħażagħ talbu li jiġu skużati minħabba raġunijiet ta' xogħol, safar u edukazzjoni rispettivament. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

### 570.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħat preċedenti jiġifieri, laqgħat numru 568 u 569. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

### 570.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

570.3.1 L-Għaqda Għajn Tuta talbet permess sabiex tuża Ġnien Ċensu Xiberras għall-attivita' 'Dawra Durella'. Il-Kunsill Lokali talab permess lid-Direttorat tal-Agrikultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

570.3.2 Saret talba lill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar sabiex ningħataw il-materjal għal xogħolijiet li jridu jsiru urġenti fuq ħajt fi Triq Għajn Abdun. Dan peress li qed jaqa' ħajt li qed iżomm it-triq u jrid jitranġa urġenti. Il-Kunsill qabel li dan jitranġa.

570.3.3 Is-Sindku semma x-xogħolijiet li qed isiru fi Triq Għajn Tuta. Huwa qal li matul ix-xogħolijiet inqala' l-ħajt li kellu jitranġa u nkixef il-blat. Il-blat irriżulta li qed iċedi u jrid jintrabat. Il-Perit tal-Kunsill ser jara xi spejjeż hemm u nagħmlu talba għal fondi mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. Is-Sindku żied jgħid li meta ġejna bżonn il-Perit kellna niġbdulu l-attenzjoni permezz ta' ittra li ntbgħatitlu email minħabba li l-istess Perit, jiġifieri, l-Perit Robert Grech, mhux qed jiġi fuq il-post u ġbidnielu l-attenzjoni li huwa kien u għadu responsabbli minn dan il-proġett u għalhekk irid jirrispondi għall-affarijiet tekniċi minn naħa tiegħu.

570.3.4 Irċevejna email minn naħa tar-Reġjun t'Għawdex fejn infurmawna illi l-Kunsill Lokali ingħata estensjoni taż-żmien għall-proġett tal-Public Convenience.

570.3.5 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi rċevejna nominazzjoni waħda għal Premju Mara li hija s-Sinjura Gracie Camilleri. Il-Kunsill qabel li jibgħat in-nominazzjoni tagħha.

570.3.6 Dwar il-fondi li kienu ħarġu tal-LESA, il-Kunsill bagħat l-applikazzjoni għall-embellishment ta' fejn l-Għadira ta' Sarraflu.

570.3.7 Il-Kunsill Lokali rċieva talba mill-Knisja ta' Santa Luċija sabiex jgħin fil-ħlas ta' xiri ta' platti u affarijiet oħra biex issir l-esebizzjoni tal-aħħar ċena ġewwa Santa Luċija. Il-Kunsill qabel li jgħin.

570.3.8 Il-Kunsill Lokali rċieva talba mill-Kercem Ajax FC sabiex jagħti l-għajnuna tiegħu

sabiex jinxtraw xi affarijiet għat-tournament li se jsir f'April 2024. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

570.3.9 Is-Sindku għarraf lill-membri illi daħħalna l-applikazzjoni tagħna għat-traffic management ta' Pjazza Orvieto u Triq Wenzu Mintoff ma' TM.

570.3.10 Is-Sindku semma l-laqgħa li kellu mal-għalliema u studenti tal-iskola Santa Tereża. Huma talba l-għajnuna tal-Kunsill għall-clean up li ser jagħmlu fid-19 ta' April. Kulħadd qabel ma' dan. Sar qbil ukoll illi nġibu mesh bags tal-frott u l-ħaxix għall-istudenti kollha sabiex jonqos is-*single use plastic*.

570.3.11 Saret diskussjoni dwar ic-CCTVs li rċevejna Eur12,000 mid-DLG għalihom. Qed naħdmu biex toħroġ l-offerta dalwaqt.

570.3.12 Il-PA nfurmatna illi l-applikazzjoni għall-minor amendment tal-pitch tal-boċċi ġiet preżentata mill-Perit.

## 570.4 Approvazzjoni tal-Financial Statements 2023

Waqt il-laqgħa, ingħaqad magħna l-accountant Daniel Galea permezz ta' online meeting. Huwa spjega kif ingħalqet is-sena 2023 u li għalaqniha b'Eur20,368 surplus.

## 570.5 Bidu ta' xogħolijiet fi Triq Qasam San Ġorġ

Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi ser nibgħatu l-applikazzjoni tal-BCA dalwaqt u ftit wara nkunu nistgħu nibdew bit-tindif.

## 570.6 Tindifa ġenerali fi Triq Sarġ

Ġie diskuss dwar kif hemm ħafna skart mormi fi Triq Sarġ u hemm bżonn tindifa tajba. Hemm ukoll ħafna ħitan imwaqqgħin u ġie deċiż li jitnaddaf il-post u jitranġaw il-ħitan.

## 570.7 Ilqugħ ta' Ilma fi Triq Xewka

Is-Sindku qal li avviċinawh xi residenti dwar problema ta' lqugħ tal-ilma fi Triq ta' Xewka. Huwa spjega illi hemm bżonn li ssir trinka u tingħaqad ma' culvert diġa' eżistenti sabiex l-ilma ma jibqax jaqleb fil-propjetajiet privati.

## 570.8 Servizz ta' konsulenzi tas-saħħa ġewwa ċ-Ċentru Ċiviku

Is-Sindku qal li Kercem Ajax FC għandu proposta u ħalla f'idejn il-Kunsillier Alvin Grech, sabiex jitkellem bħala President ta' Kercem Ajax FC u jispjega hu. Is-Sur Grech qal li qed jitolbu sabiex nhar ta' Sibt jagħmlu użu mill-clinic tal-Kunsill Lokali għall-konsulenzi tas-saħħa. Dan isir b'tali mod li l-club itella' tournament bħala

kontribut lura lejn it-tfal ta' Kerċem. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 570.9 Skemi ġodda mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali

- *Ċirkulari Numru SPI/SCI/01/2024 – Espressjoni ta' Interess – Servizz ta' Xogħolijiet għal żvilupp ta' Community Gardens fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex.* Il-Kunsill iddiskuta iżda iddeċieda li din l-iskema ma tapplikax għalih u għalhekk mhux ser japplika.
- *Ċirkulari Numru SPI/SCI/02/2024 – Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi* – Il-Kunsill ser jiddiskuti aktar dwar din l-iskema biex forsi japplika għal xi attivitajiet fiżiċi.
- *Ċirkulari Numru SPI/SCI/03/2024 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa* – Il-Kunsill qabel li japplika għal Clean Up.
- *Ċirkulari Numru SPI/SCI/04/2024 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrasturtturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali* – Il-Kunsill qabel li japplika sabiex jitranġaw xi postijiet fejn hemm il-ħsara fi Triq Santa Katerina tal-Qabbieża.
- *Ċirkulari Numru SPI/SCI/05/2024 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025* – Il-Kunsill Lokali qabel li ssir applikazzjoni għall-attivitajiet Natalizji 2024.

Il-Kunsill Lokali qabel ukoll illi għal-applikazzjonijiet kollha li ssemmew fl-iskemi t'hawn fuq ser ikun qed iħallas 15% tal-proġett minn naħa tiegħu.

## 570.10 Ilmenti u Suġġerimenti

570.10.1 Il-Kunsill Lokali qabel illi dwar l-iskema ta' fondi għall-*upgrading* tal-public convenience fi Ġnien il-Familja, ser nitolbu sabiex il-DLG jgħatina aktar fondi peress li l-offerta ġiet *over-budget*. Jekk ma ningħatawx aktar fondi ser inkunu qed inwaqqgħu il-proġett.

570.10.2 Persuna talbet mera fi Triq l-Avukat Anton Calleja faċċata tal-garaxx tagħha peress li ma tkunx tista' toħroġ mill-garaxx. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

570.10.3 Persuna talbet mera fi Triq 13 ta' Diċembru. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

570.10.4 Is-Sindku semma li hu u l-Kunsillier Alvin Grech kellmuhom xi persuni li jixtiequ jibdew jilgħabu l-pickle ball u għandhom bżonn post. Is-Sur Grech issuċċerixxa li jitranġa wara t-tinda fit-tennis court. Ġie deċiż li ser naraw hemmx wisa' biżżejjed u naraw x'hemm bżonn isir.

## 570.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 570.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fin-12.30pm u ġiet aġġornata għall-20 ta' Marzu, 2024 fil-11.30am.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |